MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2013

Numru. 316/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Jason Bugeja**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Jason Bugeja, bin Francis u Monica nee` Zammit imwieled il-Pieta` nhar l-20.04.1983 residenti gewwa Numru 32, Triq il-Kahwiela, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` numru 0223783(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Mejju, 2012:

Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga ***Kokajina*** specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'

Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima ta’ l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perrikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu, kif

ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi dan kien kaz ta’ traffikar *by sharing*. Ghalhekk il-Qorti qeghda tapplika l-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti semghet ukoll lill-partijiet jissottomettu illi jkun ghaqli illi l-imputat jitqieghed taht Ordni ta’ *Probation*.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2)(b)(i) u l-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qeghda tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ *Probation* ghal zmien sentejn u nofs mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni hawn anness, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi, jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation* u in oltre illi a tenur tal-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, huwa jista’ jibbenefika minn dan il-beneficcju moghti mil-ligi ghal darba biss.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------